SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 10-16

Illum il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

### PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsillier Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

### MARID/A

Il-Kunsilliera Liam Sciberras u Caroline Galea nfurmaw il-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa għax kienu indisposti.

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 09-2015 li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 ġew moqrija u approvati.

### *1.1 Mill-Minuti*

### *1.1.1 Appell re: Kuntratt SS(57-15-03)*

Is-Sindku rrefera għall-minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti u qal lill-bieraħ, 28 ta' Jannar 2016 kien hemm il-*public hearing* tal-appell fir-rigward tal-għoti tal-Kuntratt SS(57-15-03). Is-Sindku ta rendikont ta' dak li ġara waqt dan l-appell biex kulħadd ikun jaf fejn waslu l-affarijiet.

### *1.1.2 Xogħolijiet*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 1.1.4 u staqsa kienux bdew xi xogħolijiet li ssemmew fil-laqgħa preċedenti. Saret referenza għall-*gutters* u l-Viċi Sindku qal li hemm bżonn isir it-tħammil tal-entratura ta' dawn il-*gutters* u ssuġerixxa li dan isir mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill. Rigward ir-rampa li minn Triq tal-Barrani tagħti għall-*Jogging Track* huwa qal li din ġiet mhux ħażin, biss irid isir it-tindif neċessarju mill-materjal li tħalla mill-Kuntrattur.

### *1.1.3 Donazzjoni ta' siġar*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 1.1.5 tal-laqgħa preċedenti u qal li xtaq ikun preżenti għat-tħawwil tas-siġar iżda ma setgħax għax kien imsiefer. Il-Viċi Sindku kkumenta li dawn is-siġar setgħu jiġu ggrupjati aħjar.

## 2. KORRISPONDENZA

### *2.1 Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 u l-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### *2.2 Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### *2.2.1 Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1250-15-O – Fondazzjoni Gal Xlokk – Gal Xlokk *Membership*
- 0109-16-O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Wifi Access Points*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1150-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kabinett: sit f'Dawret it-Torri c/w Vjal Oleandri
- 1151-15/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kabinett: sit fil-Playing Field Area
- 1191-15-I - Frank Borda Ltd. – *PV Panel Insurance Cover*
- 1234-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Wifi Access Points*
- 1237-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *CIES Scheme-Renewal of Contract*
- 1298-15-I – Kunsillier Liam Sciberras – Proposti
- 0048-16/I – GreenPak – Nirriċikla għall-Istrina 2015
- 0071-15-I – *Parliamentary Secretary For Health – Mobile Dental Clinic in Santa Luċija*
- 0140-16-I - Trasport Malta – Laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi
- 0114-16-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 4-2016 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet *Lifelong Learning* 2016-2017
- 0126-16-I – Residenta – Ittra ta' ringrazzjament
- 0127-16-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja Għall-Korsijiet *Life-Long Learning* 2015-2016
- 0135-16-I – Uffiċjal Eżekuttiv Kunsill Santa Luċija – Talba għal promozzjoni

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 43-2015 - Noti għal attenzjoni tagħkom
- SLLC Memo 01-2016 - Progett Right to Smile – Leap
  - Laqgħa Gal Xlokk
- SLLC Memo 02-2016 - Santa Luċija Aċċess
- Ċentri ta' Anzjanita' Attiva – Prospektus Ottubru – Diċembru 2015

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1150-15-I u 1151-15-I il-Kunsill innota *e-mails* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn saret referenza għal zewġ proġetti minn erbgħa li ġew ippreżentati lil Kabinett, dak tal-Playing Field Area u tas-sit f'Dawret it-Torri kantuniera ma' Vjal Oleandri. Fl-*e-mails* tiegħu d-Dipartiment talab lil Kunsill biex jekk jixtieq jiżvillupp dawn is-siti jrid japplika għad-devoluzzjoni tal-art skont il-prassi diġa stabbiliti. Qamet diskussjoni dwar dawn il-proġetti. Il-Viċi Sindku qal li l-proġett tal-Garages Complex f'Dawret it-Torri jrid isir taħt skema tal-PPP. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess għad-devoluzzjoni ta' dawn iż-żewġ siti.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1191-15-I il-Kunsill innota proposta ta' Frank Borda Ltd biex titħallas assigurazzjoni fuq il-pannelli fotovoltajiċi li għandu l-Kunsill. Ġie nutat lil-Kunsill diġa kopert bl-assikurazzjoni.

**3.3** B'referenza għall-korripsondenza bin-numru 1234-15-I is-Sindku nforma li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali flimkien mal-Awtorita' ta' Malta qed joffru żewġ *wifi access points* oħra lil-Kunsilli Lokali. Huwa qal li l-Kunsill kien ippropona li dawn isiru fil-*Jogging Track* u fi Pjazza Dorell. Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u qabel li jirrevedi l-proposta u dawn il-*wifi access points* isiru fil-*Picnic Area* u fil-*Playing Field area.*

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1237-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntratt tal-ħaddiem taħt l-iskema tas-CIES li għandu miegħu l-Kunsill ġie mġedded għal sena oħra. Il-Viċi Sindku irrimarka lil-Gvern żamm il-kelma tiegħu fejn jidħlu nies bi bżonnijiet speċjali.

***3.5*** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1298-15-I il-Kunsill iddiskuta proposti li nbagħtu b'*e-mail* mill-Kunsillier Liam Sciberras. Rigward it-tneħħija tas-siġar tal-Jucca il-Viċi Sindku qal li dawn la jikbru jagħtu d-dell u l-arja. Is-Sindku ppropona li titneħħa l-ħamrija minn dawn iċ-ċanet. Il-Viċi Sindku qal li fejn tneħħi l-ħamrija tkun qed tnaqqas il-*green footprint*. Huwa ppropona li jsir passaġġ madwar is-siġar bi *crazy paving* u għal dan il-għan jistgħu jintużaw il-knatan li hemm fl-i*Sculpture Garden.*

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0048-16-I is-Sindku nforma li fl-inizjattiva tal-GreenPak "Nirriċikla għall-Istrina" inġabru 34.5 tunnelati ta' tappijiet tal-*plastic* u b'hekk setgħet issir donazzjoni għall-Istrina ta' €17,000.00. Huwa qal li f'Santa Luċija inġabru 37kilo ta' tappijiet tal-*plastic* għal din l-inizjattiva.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0071-16-I is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2016 ser ikun hawn servizz tal-*Mobile Dental Clinic* li ser jgħati *Dental Screening Services* lir-residenti mingħajr ħlas. Huwa qal li din ser tkun xi ħaġa ta' darba. Gie deċiż li dan is-servizz għandu jingħata minn quddiem l-għassa tal-Pulizija.

Issemma wkoll s-servizz li jingħata mill-*Mobile Malta Post* kull nhar ta' Tnejn fl'istess post. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz jibda jingħata minn quddiem il-ħwienet f'Dawret it-Torri eżattament mill-*parking bay* ta' ħdejn il-*hatching* li kien sar minhabba aċċess għall-ATM. Il-Kunsill qabel li għandha ssir tabella bil-ġurnata u l-ħinijiet li fih jingħata dan is-servizz.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0140-16-I il-Kunsill innota stedina għall-laqgħa mall-Ministru Joe Mizzi fuq it-Trasport Pubbliku. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu llistjati dawn l-ilmenti u suġġerimenti biex jitqajmu waqt din il-laqgħa:

- Is-servizz tat-Trasport Pubbliku jibda fil-5.00a.m minflokk fil-5.00a.m.
- Dewmien żejjed fuq il-Bus Stop
- Issir *zebra crossing* quddiem il-Bus Stop fid-daħla taċ-Ċimiterju fi Triq Luqa peress li hemm il-periklu biex wieħed jaqsam
- L-X2 mhux dejjem qed tidħol kif suppost tagħmel f'Santa Luċija fi triqitha lejn l-Airport

Il-Viċi Sindku ppropona li għandha tinbagħt nota lil-Awtorita tat-Turismu lir-rotta X2 u X3 tgħaddi minn fejn Ġnien is-Serenita' biex din tkun tista' tgħaddi din l-informazzjoni lit-turisti.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0114-16-I u 0127-16-I il-Kunsill innota li taħt l-iskema Lifelong Learning għas-sena 2015-2016 mhux ser isiru lezzjonijiet fil-lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill innota wkoll li ħarġet skema oħra li tkopri l-perjodu 2016-2017 u qabel li jerġa juri l-interess tal-Kunsill f'din l-iskema.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0126-16-I is-Sindku qara ittra li nbgħatet minn residenta li għamlet donazzjoni ta' siġar lil Kunsill ta' Santa Luċija. F'ittra tagħha din is-sinjura wriet l-appezzament tagħha lil Kunsill tas-sapport li ta biex jinżraw dawn is-siġar.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0135-16-I is-Segretarju Ezekuttiv ġabet quddiem il-Kunsill ittra li tirrigwarda talba mill-Uffiċċjal Eżekuttiv is-Sinjura Louise Gatt biex tingħata promozzjoni għall-grad ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-promozzjoni trid tkun marbuta ma' responsibilita' u trid titħejja *job description* li dwarha jkun hemm qbil miż-żewġ naħat. Hija qalet li fil-*Collective Agreement* tal-ħaddiema klerikali ma hemmx progression fejn jidħol *scale* 13 għaldaqstant ser terġa tivverifika x'jgħid il-ftehim kollettiv u ser titlob linja gwida mid-Dipartiment dwar din it-talba.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 Gal Xlokk Decision Committee Meeting

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar il-laqgħa hawn fuq imsemmija li saret fil-Kunsill ta' Ħal Luqa nhar il-15 ta' Jannar 2016. Huwa qal li kien attenda għal din il-laqgħa u mill-informazzjoni li għandu jidher li *non-members* ukoll setgħu jibbenifikaw mill-fondi għall-proġetti. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill dejjem ingħata l-impressjoni li l-affarijiet huma bil-kontra. Is-Sindku qal ukoll li l-laqgħa bejn il-Kunsill u rapprezentanti ta' Gal Xlokk hija skedata għal Ħamis, 4 ta Frar fit-3.00p.m

### 4.2 Kwotazzjoni Smart Lights

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni ta' *solar panel pedestrian crossing* - Smart Light - u qal li dawn jistgħu jsiru bħalhom fi Triq Begonja. Ġie nutat li dawn fi Triq Begonja lanqas ikunu jidhru. Saret referenza għal *belisha lights* li hemm f'Dawret it-Torri u l-Kunsill qabel li dawn iridu jiġu *upgraded* u jsiru *belisha lights* oħra fi Triq Begonja. Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li Transport Malta kellha tagħmel tlett *speed signs* fil-lokalita'.

### 4.3 Il-Proġett tal-Berġa

Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tal-Berġa u aġġorna lil Kunsill dwar l-aħħar żviluppi f'dan ir-rigward. Huwa qal li issa nbidel il-kordinatur u diġa kellu okkażjoni biex jiltaqa' mal-kordinatur il-ġdid. Huwa qal li fil-berġa tlesta x-xogħol fuq il-*ventilation system* li kien ikkommisjonat mid-Dipartiment tal-Kura Primarja. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill issa għandu stampa attwali tal-ispejjeż involuti fl-*upgrading* ta' din il-berġa u dawn ser ikunu riflessi bil-miktub fil-ftehim li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u d-Dipartiment għall-Kura Primarja. Huwa qal li t-*target date* biex titlesta u tiġi inawgurata din il-berġa huwa l-31 ta' Marzu 2016.

### 4.4 Programm ta' Manutenzjoni tal-Partijiet Komuni fil-Binjiet tal-Gvern

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ġie ffirmat il-ftehim mal-Awtorita' tad-Djar dwar programm ta' manutenzjoni tal-Partijiet Komuni fil-Binjiet tal-Gvern. Is-Sindku qal lill-Blokkijiet identifikati mill-Kunsill kollha għandhom Amministrattur u ffirmaw ftehim mal-Awtorita' tad-Djar. Huwa kompla jgħid li dan il-ftehim ser jagħti bidu biex jibda l-proċess li jwassal għal manuntenzjoni tal-komun ta' dawn il-blokki.

### 4.5 Servizz ta' Green Warden

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat skeda ta' servizz ta' *Green Wardens* sa total ta' sittin siegħa. Is-Servizz qed jintalab fil-ġurnata tat-Tlieta meta tinħareġ biss il-borża l-ħadra u nhar ta' Ħadd meta ma jinġabar l-ebda skart. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet tmexxi fuq din il-proposta.

### 4.6 Xiri ta’ Bandla għal Tfal bi Bżonnijiet Speċjali

Saret referenza għal inizjattiva tar-Regjun Nofsinhar li talloka fondi għal Kunsilli membri biex jixtru bandla għat-tfal bi bzonnijiet speċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat sitt kwotazzjonijiet ta’ *playing field equipment* ta’ din ix-xorta minn tlett *suppliers* differenti. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-kwotazzjonijiet fid-dettal u qabel li jagħżel l-orħos kwotazzjoni ta’ bandla li kienet tissodisfa l-Kunsill u li kella l-aħjar prezz li jammonta għall-€1295.00. Fid-deċizjoni tiegħu l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li din il-bandla kellha ċ-ċertifikazzjoni neċessarja mitluba mill-Malta Standards Authority – *Public Playgrounds.*

### 4.7 G4S-Cash Services

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għas-servizz li jingħata mill-G4S biex jitwasslu d-depositi tal-flus tal-Kunsill fil-banek. Hija qalet li G4S qed jipproponu revizjoni fir-rata ta’ ħlas għal dan is-servizz biex ir-rata ta’ kull vjaġġ tinbidel minn €17.00 (Vat eskluż) għal €18.50 (Vat eskluż). Il-Kunsill approva din il-proposta.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5884 sa numru BOV 5950 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-2 ta' Diċembru 2015 u s-6 ta' Jannar 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 09-15(15-12-2015)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji u *Allowances* għax-xahar ta' Diċembru 2015 Ammont *Gross* € 9182.02

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010925 | 1264.00 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010890 | 252.70 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010929 | 807.25 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010911 | 1515.5 |
| Joseph and Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | 021 | 1962.85 |
| ELC Ltd.. | PKG57 | 015012 | 2061.50 |

**5.4** Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €222.56 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Novembru 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

**5.5** Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €25.00 għal servizz ta' kordinatur ta' attivita' fi Ġnien is-Serenita' li saret nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015.

**5.6** Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €1100.41 għal servizz ta' emergenza ta' knis u tindif ta' toroq li ngħata mill-Kuntrattur Chris Bezzina wara lil-Kunsill kellu jwaqqaf il-proċess ta' għoti tal-Kuntratt bir-referenza SS(57-15-03) Kuntratt għal Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent, minħabba appell.

## 6 TRAFFIC LIGHT JUNCTION FI TRIQ LUQA

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-proposta hawn fuq imsemmija li reġgħet intbagħtet minn Transport Malta li inkludiet fuq il-pjanta il-modifiki li ppropona l-Kunsill. Transport Malta staqsiet lil-Kunsill jekk kien hemm xi modifiki oħra li xtaq jagħmel qabel ma tiġi varata din il-proposta. Is-Sindku qal li l-vleġġeġ fi Vjal Oleandri iridu jiġu bil-kontra biex it-traffiku jdur mal-*Football Ground*. Il-Viċi Sindku ppropona lil-Kunsill għandu jerġa jiltaqa' ma' Trasport Malta biex jirrevedi din il-proposta. Huwa qal li l-vetturi li jkunu ġejjin minn naħa ta' Ħal Luqa u jridu jidħlu Santa Luċija għandu jkollom aċċess minn din it-*Traffic Light Junction* u mhux jibqu sejrin lejn ir-*roundabout* u mbgħat jiġu lura biex jidħlu f'Santa Luċija. Huwa qal li b'din is-sistema jiġi evitat ħafna traffiku madwar Xintill Roundabout. Huwa ta xi eżempju ta' sistemi simili li jaħdmu fi *Traffic Lights Juntions* oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha titlob lil Transport Malta biex tiltaqa' mal-Kunsill dwar din l-emenda.

## 7. KWOTAZZJONIJIET

### 7.1 SLLC-Q(57-16-01) – Servizz Temporarju tal-Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien Lejn l-Ambjent

Waqt din il-laqgħa s-Sindku fetaħ il-kwotazzjonijiet issiġillati li rċieva l-Kunsill għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq f'nofs inhar tal-llum, 29 ta' Jannar 2016. Għal din l-offerta l-Kunsill ircieva dawn il-kwotazzjonijiet:

| **TENDERER** | **ADDRESS** | AMOUNT |
|---|---|---:|
| Malcolm Dimech | dimbrosltd@yahoo.com | € 935 |
| Owen Borg | owsve@melita.com | € 900 |
| Jonathan Zammit | 12,Trejqet George B.Shaw, Birzebbuga | € 1,600 |
| Lino Micallef | jmskiphire@live.com | € 900 |

Il-Kunsill innota li hemm zewġ offerti bl-istess ammont u li huma wkoll l-orħos ammont li ġie sottomess għal din is-sejħa. Il-Kunsill fuq parir tekniku qabel li dawn iż-żewġ kuntratturi għandhom jittellu bil-polza. Ġie deċiz li l-Kunsill jiltaqa' ma dawn iż-żewġ kuntratturi nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2016 biex fil-presenza tagħhom il-Kunsill itella' isimhom bil-polza u minn jitla jingħata dan is-servizz għal perjodu ta' xahar.

### *7.2 SLLC-Q(57-16-02) – Bini ta' Website tal-Kunsill*

Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għaliha l-Kunsill irċieva dawn il-kwotazzjonijiet:

| TENDERER | ADDRESS | Quotation 1 | Quotation 2 |
|---|---|---|---|
| Intech - Dominic Cardona | dcardona@intechmalta.com | € 1,700.00 | € 360 |
| Isb Ltd - Alan Darmanin | alan@isb.com.mt | € 944.00 | € 118 |
| CEO & Founder, The HIVE Ltd - Clayton J Zammit | clayton@hive.com.mt | € 1,416.00 | 236 € |
| Keen Ltd - Carolin Hyzyk | carolin@keen.com.mt | € 3,038.50 | € 600 |
| CasaSort Ltd - Mark Cassar | mark@casasoft.com.mt | € 4,484.00 | € 472 |
| EMD Solution Ltd - Andrei Lugovoi | info@emd.com.mt | € 3,540.00 | € 3,068 |
| Cyberspace Solutions - Kieran Sciberras | kieran@cyberspace.com.mt | € 944.00 | € 425 |
| Infinite Fusion Technologies Ltd - Liam Ferriggi | info@ifnetworks.net | Option 1 €530.00<br>Option 2 €1,770.00 | Option 1 €200<br>Option 2 €200 |

Il-Kunsill qabel li jintalab parir professjonali fuq dawn l-offerti.

### *7.3 Kwotazzjonijiet – Upgrading tal-Berġa*

### *7.3.1 SLLC-Q(57-15-09) – Supply of Sanitary Ware and Tiles for the Health Clinic in Santa Luċija*

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għaliha ntefgħu dawn il-kwotazzjonijiet:

| TENDERER | EMAIL ADDRESS | AMOUNT |
|---|---|---|
| Raymond Cuschieri | ray.cusch@gmail.com | 1654.00 |
| C.Grech Marbles | grechmarbles@onvol.net | 1794.27 |
| Disegno Ceramica - Georgina Camenzuli | disegnoceramica@mrcd.com.mt | 1874.90 |
| Carini Bathroom | sales@carinibathrooms.com | 2225.60 |
| A.F.Ellis (Home Decor) Ltd. - Liz Curmi | mail@afellis.com.mt | 2652.60 |

Il-Kunsill qabel li għandha tintagħżel l-orħos offerta dik tas-Sur Raymond Cuschieri.

### 7.3.2 SLLCQ(57-15-10) – Uprading Works in the Health Clinic in Santa Luċija

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għaliha ntefgħu dawn il-kwotazzjonijiet:

| TENDERER | EMAIL ADDRESS | TENDER AMOUNT |
|---|---|---|
| Raymond Cuschieri | ray.cusch@gmail.com | 4655.00 |

Il-Kunsill innota li għalkemm id-dokument tas-sejħa ġabruh diversi kuntratturi, kien kuntrattur wieħed biss li tefgħa din l-offerta. Il-Kunsill qabel li jistgħa jmexxi fuq l-unika offerta li ntefgħet, dik ta' Ray Cuschieri.

### 7.3.3 SLLC(57-15-11) – Supply and Installation of Aluminum Doors and Apretures for the Health Centre in Santa Lucija

| TENDERER | EMAIL ADDRESS | AMOUNT |
|---|---|---|
| Closter Aluminium Works – David | 79707405 | € 1,200.00 |
| Kurt Azzopardi | azzopardikurt26@outlook.com | € 1,257.70 |
| Keith Attard | medalls.aluminium@gmail.com | € 1,393.36 |
| Raymond Cuschieri | ray.cusch@gmail.com | € 1,475.00 |
| JCD Aluminium - Francesco Cutajar | info@jcdaluminium.com | € 1,528.10 |
| Stephanie Vella | steff@steel-shape.com | € 1,712.78 |

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu u qabel li jagħżel l-orħos minn dawn l-offerti dik ta' Closter Aluminum Works.

## 8. RAPPORT AMMINISTRATTIV 2015

Il-Kunsill approva Rapport Amministrattiv għas-sena 2015 kif imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Caroline Silvio. Ġie nutat li dan ir-rapport kien jinkludi l-ħidma tal-Kunsill għal perjodu msemmi u ma kien hemm xejn x'wieħed iżid f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport qiegħed fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Lokalita' u ser ikun qed jinqara waqt l-istess laqgħa. Il-Kunsill qabel ukoll li dan ir-rapport jiġi ppublikat fil-ħarġa tal-Newsletter li jmiss.

## 9. PJAN TA' ĦIDMA

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul Pjan ta' Ħidma għas-sena 2016. Dan il-Pjan kien jinkludi proġetti li bi ħsiebu jwettaq il-Kunsill matul is-sena kif ukoll xogħol ta' *upgrading* sew ta' toroq kif ukoll ta' bankini u ħitan. B'dan il-pjan il-Kunsill huwa kommes li jkompli jikkordina ma' l-Awtorita' fuq manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern kif ukoll ħidma kontinwa fuq attivitajiet indirizzati lejn il-kommunita'. Saru xi emendi u dan ir-rapport gie approvat kif emendat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport qiegħed fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2016 u ser ikun qed jinqara waqt l-istess laqgħa.

## 10. PROPOSTI GĦALL-BUDGET 2016

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-estimi tal-*budget* għas-sena 2016. Hija tagħt spjegazzjoni tal-estimi f'dak li hu dħul u nfieq għal din is-sena. Ġie spjegat li l-allokazzjoni finanzjarja kif ukoll n-nefqa fuq pagi u kuntratti huma dawk attwali. Hija qalet li fl-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena kienet tammonta għas-somma ta' €315,815.00. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont li jrid jitħallas din is-sena fuq toroq li saru bis-sistema tal-PPP jlaħħaq is-somma ta' €37,530.00.

Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti l-*budget* u l-infieq kapitali fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 11. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa tal-Lokalita' 2016 għandha ssir nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2016 fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita' fis-7.15p.m.

## 12. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fid-8.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 17, ta' Frar 2016 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ...................,...... ta' ...................… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**